# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR CHARLOTTE CURMI) V. SHERIDAN LEE GRECH (KI. 58199M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12/10/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI int akkuzat talli** fis-27/05/2017 ghall habta ta`3.00a.m. fi Triq It-Torri, Sliema,

**(1).** Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll ta`vettura Nru.JBX576 fit-triq jew f`post pubbliku meta ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

**(2).** W`aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru.JBX676 fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

**(3).**W`aktar talli fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, soqt l-imsemmija vettura Nru.JBX676 u b`nuqqas ta`hsieb, jew bi traskuragni jew b`nuqqas ta`hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta`tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma vettura ohra b`Nru.JBP802 u nvolontarjament ikkagunajt hsara fl-istess vettura ghad-dannu ta`Anna Faniello..

**(4).**W`aktar talli fl-istess data,hin,lok u cirkostanzi, soqt l-imsemmija vettura Nru.JBX576 u b`nuqqas ta`hsieb, jew bi traskuragni jew b`nuqqas ta`hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta`tharis tar-regolamenti tat-traffiku,jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga meta nvolontarjament ikkagunajt hsara f`Traffic Lights` ghad-dannu ta` Transport Malta kif ukoll f`bollards, pjanti u aluminium advert signs ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta`tas-Sliema.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversement presjeduta, tat-13 ta' Novembru 2017 li permezz tagħha l-Qorti ddeċidiet kif ġej:

> « ***Ssib lil imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah ghal ewwel u ghat-tieni imputazzjoni multa ta' € 1,200 komplessivament u s-sospenzjoni tal-licenzja ghal sitt xhur u tat tielet u r-raba' imputazzjoni multa ta' € 500 komplessivament.*** »

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tad-19 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha *inter alia* dik il-Qorti iddeċidiet li tannulla s-sentenza appellata u ordnat r-rinviju tal-atti lil din il-Qorti sabiex terġa tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid:

> « ***Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame, qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.*** »

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-23 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi.

Rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta b'effett mid-29 ta' Novembru 2021.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha fis-seduti tat-12 ta' Jannar 2022 u tas-27 ta' April 2022 u ċioe ix-xhieda ta' Emanuel Gatt, Anthony Attard, Anna Faniello u l-imputat Sheridan Lee Grech.

Rat l-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni finali

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Dan il-każ jitratta fatti li allegatament seħħew fis-27 ta' Mejju 2017 u ċioe meta l-imputat allegatament saq il-vettura bin-numru JBX 676 fi Triq it-Torri, Sliema f'kundizzjoni mhix tajba għas-sewqan minħabba xorb, bi proporzjon tiegħu ta' alkohol fin-nifs iżjed mill-limitu preskritt u b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku meta

ħabat mal-vettura bin-numru JBP802 proprjeta' ta' Anna Faniello kkaġuna ħsara fl-istess vettura għad-danni tal-persuna imsemmija u kif ukoll ħsara f'traffic lights, bollards, pjanti u aluminium advert signs għad-dannu tal-Kunsill Lokali Sliema.

Meta l-Qorti tal-Appell Kriminali annullat l-ewwel sentenza u rrinvjat l-atti lura lil din il-Qorti, hija ordnat li l-Qorti **terġa tisma l-kawża mill-ġdid**. Għal xi raġuni jew oħra pero quddiem din il-Qorti kif presjeduta l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi provi tal-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post tal-inċident inkluż ir-rapport tal-okkorrenza u l-istqarrijiet li ħadu kif ukoll ir-rapport tal-*breathalyser*.

Quddiem din il-Qorti xehdu:

- **Emanuel Gatt** għal Transport Malta li fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2022 ikkonferma li l-Awtorita' kienet tħallset mill-imputat is-somma ta' € 999.84 bħala risarċiment tad-danni kkawżati lilha fl-inċident. Huwa esebixxa riċevuta rilaxxata lill-imputat (Dok EG1).

- **Anthony Attard** għal Kunsill Lokali Sliema li fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2022 xehed illi huwa ma' jaf xejn fuq l-inċident u li m' hemm xejn dovut lill-istess Kunsill.

- **Anna Faniello** li fis-seduta tas-27 ta' April 2022 xehdet li kienet qed taħdem bħala DJ f'Tas-Sliema meta semgħet ħoss kbir ġej minn barra u meta ħarġet sabet li l-vettura tagħha kienet ġiet milquta u li traffic light fil-viċinanzi kien ġie distrutt. Id-danni li sofriet ġew koperti mill-kumpanija tal-assigurazzjoni.

- **L-imputat Sheridan Lee Grech** innifsu li fis-seduta tas-27 ta' April 2022 xehed minn rajh illi huwa kien ġej lura isuq minn Paceville ma' tfajla bl-isem ta' Valentina meta inqala diżgwid bejniethom u t-tfajla li kienet passiġġiera ħdejh bdiet tiġġieled miegħu, ħatfitlu l-*isteering wheel* u tilef il-kontroll tal-vettura.

Issa minkejja li l-Qorti għandh riservi kbar dwar il-verżjoni tal-imputat u tistqarr bla tlaqliq illi ma' temminx għal kollox ix-xhieda tiegħu, madanakollu fuq in-naħa l-oħra tal-miżien ma' ssib xejn li jista b'xi mod jimmilita favur sejbien ta' ħtija. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra ħlief li tillibera lill-imputat.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha fuq nuqqas ta' provi.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |